MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1517/1994/2

**Lawrence Wismayer ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Lawrence Wismayer & Co. Limited**

**vs**

**Patricia Calabretta**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**
B'citazzjoni tat-3 ta' Novembru, 1994 l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' tmien mija disgha u tmenin lira maltin (LM889) rappresentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha w kkonsenjata, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mill-25 ta' Lulju, 1994.

Il-konvenuta eccepiet:
1) Illi in linea preliminari hija personalment ma kellha ebda relazzjoni guridika mal-attur nomine;
2) Illi l-attur nomine ghandu jaghti dettalji dwar kwalita`, kwantita`, prezz u invoices relattivament ghall-merkanzija allegatament mibjugha;
3) Illi l-merkanzija allegatament mibjugha ma kienetx tikkorrispondi mal-ordni maghmula lil u accettata mill-attur nomine u dan kemm kwantu kwalita` kif ukoll kwantita`; u
4) Illi l-prezz mitlub huwa iktar minn dak originarjament miftiehem.

**Is-sentenza appellata.**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta giet michuda b'sentenza tal-15 ta' Jannar, 1997 u b'sentenza tad-19 ta' Mejju, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li laqghet it-tieni, tielet u raba' eccezzjonijiet, cahdet it-talba attrici, bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici u dana wara li osservat li (mil-provi prodotti) "*jirrizulta li s-socjeta` attrici naqset li tikkonsenja l-materjal kollu skond l-ordni u ghalhekk jirrizulta li s-socjeta` attrici naqset li toghqod ghall-obbligi minnha assunti. Il-konvenuta ghalhekk kienet intitolata li lanqas taccetta dak il-materjal li lehaq gie kkonsenjat ghalhekk ukoll il-konvenuta ma ghandha thallas xejn lis-socjeta` attrici. Jigi rilevat,*" kompliet l-ewwel qorti, *"li s-socjeta` attrici ma tikkontestax il-fatt li l-konvenuta talbet li s-socjeta` attrici tiehu lura d-drapp li kien lehaq gie konsenjat. Inoltre s-socjeta` attrici stess tikkonferma li ma accettatx li tiehu lura l-istess materjal jew drapp."*

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

B'rikors tal-31 ta' Awissu, 2000 is-socjeta` attrici interponiet appell lil din il-Qorti u talbet li s-sentenza tad-

19 ta' Mejju, 2000 tigi revokata bl-ispejjes kontra l-konvenuta nkwantu l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-mod kif sar in-negozju bejn il-partijiet fil-kawza. In sostenn ta' dan is-socjeta` appellanti ghamlet is-segwenti sottomissjonijiet:-

"*Illi minkejja li huwa minnu li in-negozju kien wiehed xi ftit imhawwad minhabba li kien hemm xi disgwid dwar it-tip ta' drapp u minhabba zball fil-prezz, ma jistax ikun hemm dubbju dwar il-fatt li l-konvenuta hadet konsenja ta' drapp li baqghet ma halsitx ghalih, baqa' ghandha u aktarx li nhadem.*

*"Illi certament kien hemm parti mis-sorte u cioe` ammont ta' LM609 li kien jirraprezenta l-valur ta' konsenja li ma kienx hemm problema fuqha. Din kienet konsenja li saret fil-21 ta' Marzu 1994. Kien biss meta gie biex jigi kkonsenjat it-tieni tip ta' drapp li kien hemm xi disgwid u dan gara kwazi erba' xhur wara l-ewwel konsenja.*

*"Illi fl-aghar ipotesi jigi sottomess li l-Ewwel Qorti setghet tikkonkludi li l-konvenuta ma kenitx soddisfatta mit-tieni konsenja u allura tillibera mill-hlas biss tal-ammont bilancjali ta' LM280.*

*"Illi pero` il-konvenuta mhux biss ma hallsitx izda zammet id-drapp kollu u lanqas ma iddepositatu taht l-awtorita` tal-Qorti, u ghalhekk bis-sahha tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tkun ghamlet gwadan ingust jekk tigi esentata mill-hlas."*

B'risposta ghar-rikors tas-socjeta` appellanti l-konvenuta appellata ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

*"F'Novembru tas-sena 1993, il-konvenuta ordnat minghand l-attur nomine zewg kwalitajiet ta' drapp cioe` wiehed ta' "Black Shiny" u l-iehor ta' "Plain Black" u dan skond samples provduti mill-attur.*

*"Meta ghamlet l-ordni il-konvenuta kienet insistit li ssir konsenja wahda taz-zewg kwalitajiet ta' drapp ghaliex minghajr wiehed jew l-iehor ma setghetx tissodisfa ordnijiet gia maghmula lilha minn klienti taghha. Irrizulta mill-provi, fil-maggor parti mix-xhieda tal-attur nomine, illi f'Marzu tas-sena 1994 l-attur ikkonsenja lill-konvenuta 348 metri kwandri minflok 500 metri kwadri drapp "Plain Black". Eventwalment l-attur ikkonsenja il-kumplament tal-metri kwadri "Plain Black". Pero` il-"Black Shiny" qatt ma*

*gie kkonsenjat u minfloku halla drapp iehor ghand il-hajjata tal-konvenuta. Ghalhekk il-konvenuta insistiet li l-attur nomine jiehu lura d-drapp kollu. Pero` dan irrifjuta u minflokk ghamel ic-citazzjoni odjerna."*

In vista ta' dan, din il-Qorti qed tigi mitluba mill-konvenuta appellata li t-talbiet attrici jigu respinti u dan stante li l-attur nomine naqas mill-obbligu minnu assunt meta ha l-ordni minghand il-konvenuta.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti.**

Qabel xejn ghandu jinghad li din is-sentenza hija limitata ghall-appell interpost mis-socjeta` attrici billi l-konvenuta ma ghamlet ebda appell mis-sentenza tal-15 ta' Jannar, 1997 meta l-ewwel eccezzjoni taghha giet michuda.

Din il-Qorti pproduciet fl-intier taghhom is-sottomissjonijiet tal-kontendenti fir-rikors tal-appell u fir-risposta ghas-semplici raguni li dawn jkkontjenu certa inezattezzi u asserzjonijiet li ghandhom jigu sottolineati.

a) Kuntrarjament ghall-impressjoni li wiehed jinghata f'dak li jinghad fir-rikors tal-appell, il-konvenuta appellata hadet "delivery" tal-partita kollha ordnata minnha u indikata bhala "Plain Black". Dana fl-ewwel lok jirrizulta mid-"delivery notes" numri 85 u 31 (fol 25 u 26 tal-process) skorrettament indikati bhala "invoices" fis-sentenza appellata, fejn l-konvenuta iffirmat fuq dawn l-istess dokumenti bhala konferma tal-kunsinna. Inoltre fir-risposta taghha il-konvenuta ukoll tammetti li hija hadet kunsinna tal-merkanzija kollha "Plain Balck" meta tghid "Eventwalment l-attur ikkonsenja il-kumplament tal-metri kwadri "Plain Black". B'hekk jidher car li l-konvenuta hadet "delivery" tal-ordni kollha ta' dan it-tip ta' drapp. Din kienet ir-raguni  ghala l-kawza saret ghas-somma ta' LM889 u cioe` l-prezz intier ta' din l-ordni.

b) Fir-risposta tal-konvenuta appellata jinghad li kellha "*ssir konsenja wahda taz-zewg kwalitajiet ta' drapp ghaliex minghajr wiehed jew l-iehor ma setghetx tissodisfa ordnijiet gia maghmula lilha minn klienti taghha."* Din l-

asserzjoni kienet saret ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta u l-konvenuta donna tibbaza l-oggezzjoni taghha ghall-hlas ta’ kull ammont dovut minnha ghall-konsenji li sarulha minhabba din l-inadempjenza kuntrattwali, u cioe` l-fatt li ma gewx kkonsenjati z-zewg tipi ta’ drapp flimkien. Izda din l-asserzjoni mhux sorretta minn dak li jinghad mill-istess konvenuta fl-ittra taghha tal-14 ta’ Awissu, 1994 lis-socjeta` attrici. F’din l-ittra li ntbghatet wara li l-konvenuta hadet konsenja tad-drapp kollu “Plain Black” il-konvenuta ddikjarat li kienet qed **taccetta** (enfazi tal-Qorti) dan id-drapp “as we are in a desperate situation”. F’dak il-mument il-bejgh kien konkluz u l-hlas dovut u l-inadempjenza kuntrattwali tas-socjeta` attrici, jekk fil-fatt kien hemm (u dan qed jinghad billi din l-allegazzjoni giet ribattuta mill-istess socjeta` attrici,) hija ghal kollox irrilevanti billi l-konvenuta kienet f’dak l-istanti obbligata li tonora l-parti taghha tan-negozju billi thallas il-prezz. Jinghad ukoll fir-rigward li l-istess konvenuta mal-kunsinna tad-drapp li saret fil-21 ta’ Marzu, 1994, irrikonoxxiet l-obbligi taghha bhala xerrejja billi halset l-prezz intier ghal dik il-konsenja u mhux talli hekk talli jirrizulta li effettivament accettat u hallset skond il-prezz rivedut ta’ LM1.75, ghalkemm dan il-pagament gie sussegwentement kancellat minnha meta ghamlet “stop payment” fuq ic-cheque li kien inhareg minnha stess. Inoltre, dan il-prezz rivedut jerga` jirrizulta fid-“delivery note” tat-tieni konsenja u rega gie accettat mill-istess konvenuta.

c) Jinghad fir-rikors tal-appell li “*in negozju kien wiehed xi ftit imhawwad minhabba li kien hemm xi disgwid dwar it-tip ta’ drapp u minhabba zball fil-prezz.”* Minn ezami tal-provi prodotti din il-Qorti ma hijiex tal-istess fehma. Infatti jirrizulta car, u dan anke tammettieh l-istess konvenuta, li kien hemm zewg ordnijiet u cioe dak ghall-“Plain Black” u iehor ghall-“Shiny Black”. Ghalkemm dawn setghu kienu marbutin flimkien ghar-ragunijiet fuq moghtija, din ic-cirkostanza llum hija irrilevanti. Daqstant hija rrilevanti kull kwistjoni dwar il-prezz billi kif gja rajna l-konvenuta accettat il-prezz rivedut tal-“Plain Black” mentri l-kunsinna ta’ “Shiny Black” qatt ma saret stante li ma thallsitx l-

ewwel kunsinna u ghalhekk ma jista` qatt jinghad li hemm xi disgwid fir-rigward. Dan apparti l-fatt li din il-partita mhux mertu ta' dawn il-proceduri.

d) Fl-ahharnett issir referenza ghal dak li intqal fis-sentenza appellata in sostenn tal-konkluzzjoni tal-ewwel qorti li kien hemm inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta` attrici u cioe *"Is-socjeta` attrici ippresentat dawk li jidhru li huma zewg delivery notes. In effett dawn id-dokumenti* *ma jindikawx il-kwantita` ta materjal li kien qed jigi konsenjat izda jindikaw biss l-"article number" tal-materjal u l-prezz relattiv.*"(sottolinear ta' din il-Qorti). Minn ezami ta' dawn id-dokumenti li jinsabu a fol 25 u 26 tal-process jirrizulta li l-ewwel qorti kienet skorretta f'dak li qalet. Infatti z-zewg dokumenti imsemmija jindikaw rispettivament li kienu gew ikkonsenjati "348m u 160m" Black Poly Viscose, bir-referenza ukoll ghan-numru li jidentifika t-tip ta' drapp. Dan juri li effettivament is-socjeta` attrici kkonsenjat l-partita kollha (eccetto 2m) tad-drapp indikata bhala "Plain Black".

**Ikkunsidrat**

Dan premess jidher li fl-ewwel lok dak rikjest fit-tieni eccezzjoni tal-konvenuta huwa sodisfatt. Mhux talli hekk talli anke qabel dawn il-proceduri l-istess konvenuta kienet konxja mill-"*kwalita`, kwantita`, prezz u invoices*" li ghalihom u a bazi taghhom is-socjeta` attrici kienet qed tagixxi.

Dwar it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fis-sens li "il-merkanzija allegatament mibjugha ma kienetx tikkorrispondi mal-ordni maghmula lil u accettata mill-attur nomine u dan kemm kwantu kwalita` kif ukoll kwantita`" jirrizulta li ghal dik li hija "kwantita`" tad-drapp maghruf bhala "Plain Black" certament din l-eccezzjoni ma treggix billi kif rajna dan id-drapp gie kkunsenjat fit-totalita` tieghu. Ghal dik li hi kwalita`, jekk verament kien hemm xi nuqqas (billi dan ukoll ma tantx jirrizulta nkwantu l-konvenuta accettat il-konsenja u qatt ma ilmentat dwar it-tip ta' drapp li gie konsenjat), jidher li kull ilment tal-konvenuta huwa bla ebda bazi legali inkwantu l-Artikolu 1390 tal-Kodici

Civili jipprovdi li : “Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita` mwieghda, jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista` jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ periti.” B’dana kollu mill-atti processwali ma jirrizultax li l-konvenuta qatt istitwiet xi procedura sabiex terga’ lura mill-kuntratt jew izzomm il-materjal bi tnaqqis fil-prezz.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta hadet kunsinna ta’ merkanzija minn ghand is-socjeta` attrici ghal liema l-istess konvenuta ma hallsitx, u li konsegwentement din ghandha thallas tal-istess salv kull dritt tal-konvenuta *si et quatenus* naxxenti mill-allegat nuqqas ta’ kunsinna tat-tip ta’ drapp “Shiny Black” ai termini tal-Artikoli 1385 u 1386 tal-Kodici Civili.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija dan l-appell qed jigi milquh billi s-sentenza appellata qed tigi revokata *in toto* u, billi ukoll it-talba attrici hija gustifikata, tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija disgha u tmenin lira maltin (LM889.00) bl-imghax legali kif mitlub fic-citazzjoni.

Fic-cirkostanzi l-ispejjes kollha, inkluzi dawk tal-prim istanza, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta appellata.

--------------------------------TMIEM-------------------------------